**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**-Vs-**
**KYRA HEGARTY**

**Illum, 28 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Reġgħet rat ir-rikors ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Antonella Debono fit-3 ta' Ġunju 2024 fejn għarrfet lill-Qorti illi Kyra Hegarty ġiet sospiża mill-programm residenzjali li ġiet ordnata tattendi permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' April 2024 fuq denunzja preċedenti, u talbet biex jittieħdu l-miżuri opportuni u xierqa fir-rigward tal-istess Kyra Hegarty;

Rat id-digriet tagħha fejn appuntat id-denunzja għas-smigħ għat-18 ta' Ġunju 2024;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Antonella Debono u ta' Miguel Buttigieg, rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa, fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2024;

Semgħet ix-xhieda tal-istess Uffiċjal tal-Probation Antonella Debono u x-xhieda ta' Chanel Scicluna u Miguel Buttigieg in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2024;

Semgħet is-sottomissjonjiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2024;

Rat illi r-rikors ġie mħolli għal-lum biex jingħata deċiżjoni dwaru;

Ikkunsidrat;

Illi d-denunzjata kienet ġiet ammessa f'programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni f'isituzzjoni mmexxija mill-Aġenżija Sedqa in segwitu għal dak li ġie ordnat fid-deċiżjoni li ngħatat fl-4 ta' April 2024 fejn l-Ordni ta' Probation maħruġ fit-8 ta' Ġunju 2023 ġie emendat biex tinkludi *inter alia,* il-ħtieġa espressa li l-*probationer,* biex teħles mill-vizzju tad-droga, tagħmel kura konsistenti f'programm ta' rijabilitazzjoni f'istituzzjoni mmexxija mill-Aġenzija Sedqa għal perijodu kontinwu u mhux interrott ta' mhux inqas minn sena u nofs. Jirriżulta li d-denunzjata bdiet tipparteċipa fil-programm residenzjali fil-Komunita' ta' Santa Marija fit-2 ta' April 2024.

Illi mix-xhieda li xehdu quddiemha għall-fini ta' din id-denunzja, il-Qorti fehmet illi filwaqt li huwa minnu li wara inqas minn xahar u nofs, id-denunzjata ġiet sospiża għal żmien tliet xhur mill-programm residenzjali, minħabba imġieba mhux xierqa, huwa daqstant minnu illi wara li ma baqgħetx issegwi dan il-programm fuq bażi residenzjali, hija reġistrat progress pożittiv ferm fl-istil ta' ħajja tagħha. Kemm hu hekk, bdiet taħdem b'mod regolarizzat, reġgħet marret tgħix flimkien ma' ommha u r-relazzjoni jidher li hija waħda stabbli, kif ukoll ikkonkludiet *social contract* mal-Aġenzija Appoġġ bil-ħsieb li tkun tista' eventwalment tingħata lura l-kustodja tat-tarbija tagħha li tpoġġiet taħt il-kura tal-istat minħabba l-problemi soċjali tad-denunzjata u d-dipendenza tagħha fuq id-droga. Il-Qorti fehmet, mix-xhieda ta' Miguel Buttigieg, illi wara l-perijodu ta' sospensjoni ta' tliet xhur, id-denunzjata kellha tibqa' tiġi segwita mill-ħaddiema soċjali fil-komunita' sabiex jiġi deċiż jekk għandhiex terġa' tiġi riferuta għal programm ta' rijabilitazzjoni. Fir-rigward, ġie

stabbilit mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Chanelle Scicluna, il-ħaddiema soċjali li qiegħda ssegwi lid-denunzjata fil-komunita', illi d-denunzjata żammet kuntratt stabbli u regolari magħha fejn kull ġimgħa tattendi diliġentement għal sessjonijiet ta' terapija u tissottometti kampjuni tal-urina għall-analiżi.  Dawn it-testijiet kollha rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti, ħlief għad-droga cannabis.  Din l-istess konsistenza hija manifestata wkoll fl-attendenza tad-denunzjata għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-Probation.

Il-Qorti fehmet illi d-denunzjata qiegħda turi impenn u motivazzjoni serja fl-isforzi tagħha mhux biss biex tegħleb il-vizzju tad-droga iżda wkoll biex ittejjeb u tistabbilizza ħajjitha fuq kull livell kif ukoll biex tikseb element ta' indipendenza finanzjarja.  **Kemm hu hekk, Chanelle Scicluna u Miguel Buttigieg, rappreżentanti tal-Aġenzija Sedqa, it-tnejn ikkonfermaw li mill-assessjar tad-denunzjata mill-ħaddiema soċjali fil-komunita', mhux qed jinħass il-bżonn li hija terġa' tiġi riferuta għal programm ta' rijabilitazzjoni wara l-għeluq tal-perijodu ta' sospensjoni.**  Fir-rigward ġie rimarkat:-

*"Kyra Hegarty has shown remarkable progress and dedication to her recovery.  Her consistent attendance at sessions, clean urine tests and proactive approach to therapy and employment are positive indicators of her commitment to improving her life."*

Dan kollu magħdud, il-Qorti hi tal-fehma li fid-dawl tal-iżviluppi pożittivi ferm li seħħew in segwitu għas-sospensjoni tad-denunzjata mill-program ta' rijabilitazzjoni, mhux meħtieġ iktar li tibqa' tiġi imposta l-ħtieġa espressa, fl-Ordni ta' Probation kif emendat bid-digriet tal-4 ta' April 2024, li d-denunzjata tibda u ttemm b'suċċess il-programm residenzjali għall-kura tad-dipendenza tagħha fuq id-droga.

**Għaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Probation, u billi l-Qorti hija sodisfatta li m'għadx hemm bżonn li tibqa' tiġi imposta l-ħtieġa espressa li ġiet miżjuda mal-Ordni bis-saħħa tad-digriet mogħti fl-4 ta' April 2024 li d-denunzjata:- "*tagħmel kura konsistenti f'programm ta' rijabilitazzjoni u***

***dan billi hekk kif tingħata direttivi mill-Aġenzija Sedqa, toħroġ mill-Female Dual Diagnosis Unit fl-iSptar Mount Carmel u minnufih tibda tirrisjedi f'istituzzjoni mmexxija mill-istess Aġenzija Sedqa għal perijodu kontinwu u mhux interrott ta' mhux inqas minn sena u nofs*", qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tal-Uffiċjal tal-Probation tat-3 ta' Ġunju 2024 billi temenda l-Ordni ta' Probation maħruġ fit-8 ta' Ġunju 2023 u tħassar il-ħtieġa fuq imsemmija li ġiet inkluża bid-digriet tal-4 ta' April 2024.**

**Għall-bqija tikkonferma *in toto* l-kundizzjonijiet l-oħra inklużi fl-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront ta' Kyra Hegarty fit-8 ta' Ġunju 2023, kif emendat bid-digriet tal-4 ta' April 2024 , u tordna li l-Ordni jibqa' fis-seħħ hekk kif emendat illum.**

**Il-Qorti reġgħet fehmet lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni inkluża kull ħtieġa addizzjonali li ddaħħlet fl-Ordni, u li jekk tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u d-denunzjata esprimiet ir-rieda tagħha li tikkonforma ruħha mal-ħtiġiet tal-Ordni.**

**Fiċ-ċirkostanzi ma tqisx li jkun opportun li jiġi impost sanzjoni minn dawk maħsuba fid-dispożizzjonjiet tal-artikolu 21(2) tal-Att dwar il-Probation.**

**Il-Qorti tordna illi din id-deċiżjoni kif ukoll l-Ordni ta' Probation kif emendat, jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**